**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 258/17 CZ**

**Pauline Vella bhala mandatrici specjali ta' Innocenzia Cosatorina permezz ta' prokura datata 15 ta' Marzu 2017, u permezz ta' nota prezentata fis-26 ta' Frar 2017 l-istess Pauline Vella irrinunzjat ghall-inkarigu lilha moghti bhala mandatarja**

**vs.**

**Daniela Pavia**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attrici mressqa fit-23 ta' Mejju 2017 li permezz taghha ppremettiet:

1. Illi fit-12 ta' Gunju 2015 gie ffirmata kuntratt bejn il-partijiet, b'liema kuntratt gie effetwat il-bejgh ta' kelba tar-razza 'Golden Retriever' ta' l-isem 'Quando me Enamoro' illi mbaghad ix-xerrej biddlu f''Holly, bin-numru tal-microchip (380260100217926) a favur il-konvenuta Daniela Pavia ta' Via 36, Ghaxqet l-Ghajn, Marsascala, Malta, MSK 001.

2. Illi l-istess kuntratt kien jinkludi klawsola punittiva illi tipprojbixxi x-xerrej tal-kelba, ossia l-konvenuta milli titraferixxi l-kleba in kwestjoni lil terzi, inkluz meta din il-kelba tkun saret adulta.  Ghaldaqstant, f'sitwazzjoni illi ghal kwalsiasi raguni ma jkunx ghadu possibbli ghall-konvenuta illi zzom tali kelba, ghandu jkun hemm restituzzjoni tal-kelba lill-allevatur, ossia r-rikorrent.
3. Illi fil-kaz ta' inosservanza ta' dan il-klawsola fejn jirrizulta illi x-xerrej jaghti l-kelba in kwestjoni lil terzi, jigu effetwati awtomatikament penali ta' hamest'elef Euro (€5,000), dovuti lill-allevatur, ossia r-rikorrent.
4. Illi l-konvenuta kienet ferm konxja minn din il-klawsola u mill-konsegwenzi taghha.
5. Illi minkejja din il-klawsola jirrizulta illi fil-bidu tas-sena 2017 il-konvenuta ttrasferiet l-istess kelba lil terzi u dana minghajr ma infurmat lir-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil dana t-Tribunal, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni ohra li dan it-tribunal jidhirlu xieraq:

1. Jiddikjara illi bl-agir unilaterali taghha, il-konvenuta kisret il-klawsola punittiva tal-kuntratt u li ghalhekk ghandha tigi infurzata l-penali ai termini tal-istess klawsola.
2. Jillikwida l-penali naxxenti mill-inosservanza ta' l-istess klawsola fl-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000).
3. Jordna lill-istess konvenuta sabiex thallas il-penali hekk likwidati lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-23 ta' Gunju 2017, il-konvenuta eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija insostenibbli peress li l-kuntratt sar f'pajjiz esteru u allura jidhol il-principju ta' 'lex loci contractus'.

2. Illi dejjem preliminarjament u minghajr pregudizzju kif maghmula [sic] mill-attrici nomine ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan ghaliex la ghandha locus standi u lanqas interess guridiku rikjest mil-ligi ghaliex il-mandat maghmul mill-persuna estera huwa irritu u null u ma huwiex konformi mal-ligi Maltija.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu t-talbiet kif maghmula ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra min ippropona l-azzjoni ghaliex ma jissustux la fil-fatt u lanqas fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.
5. Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Illi l-konvenuta pprevalixxiet ruhha mir-risposta minnha prezentata, sabiex kontestwalment ipprezentat kontro-talba li fiha ppremettiet:

1. Illi l-intimata rikonvenzjonanta kienet xtrat kelba minghand ir-rikorrenti rikonvenzjonata ghall-ghan car u specifiku li tkun kelba tajba bhala guide dog u playmate ghat-tifla taghha li ghandha abbilita' specjali ta' l-awtizmu. Illi fil-kontrattazzjoni qabel ma sar ix-xiri tal-kelba r-rikorrenti rikonvenzjonata assigurat lill-intimata rikonvenzjonata li l-kelba kienet perfetta ghal dan il-ghan u kienet ser tkun ta' gid ghal bintha li ghandha din l-abbilta' specjali.
2. Illi madankollu dan ma sehhx u l-kelba qatt ma setghet taqdi l-ghanijiet specifici ghal xiex inxtrat li tkun ta' ghajnuna ghal bint l-intimata rikonvenzjonanta li ghandha din l-abilta' specjali u dan minkejja li nghatat it-tahrig professjonali kollu possibbli.
3. Illi ghalhekk ir-rikorrenti rikonvezjonata ingannat lill-intimata rikonvenzjonanta meta bieghet kelba li kienet taf ferm tajjeb li ma kinitx ser taqdi l-ghan car u specifiku ghal xiex inxtrat;

4. Illi b'rizultat ta' dan l-ingann u nuqqas ta' buona fede kkawza ukoll zieda fl-abbilta' specjali ta' bint l-intimata rikonvenzjonanta.

Ghaldaqstant l-intimata rikonvenzjonanta titlob lil dan it-Tribunal prevja kull dikjarazzjoni ohra ghandhiex:

A. Jikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata u tordna tirrifondi l-ispejjez kollha inkorsi mhux biss biex inxtrat il-kelba imma anke ghat-tahrig taghha li jammontaw ghal circa Euro 3500.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti rikonvenzjonata.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-28 ta' Lulju 2017, l-attrici rikonvenzjonata eccepiet:

1. Illi preliminarjament il-kontro-talba tal-konveuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-allegazzjoni illi l-kelb inxtara 'ghall-ghan car u specifiku' ma tohrog mill-ebda dokumenti. Il-kuntratt li huwa manifestazzjoni cara u assoluta tar-rieda taz-zewg partijiet, ma jaghmel qatt referenza ghal dan l-ghan specifiku illi qed jigi allegat mill-intimata rikonvenzjonanta.
2. Illi t-talba ta' l-intimata rikonvenzjonanta hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi kontrarjament ghal dak illi qed jigi allegat mill-intimata rikonvezjonata, il-kelba inxtrat bhala annimal domestiku normali u mhux bhala 'guide dog'. Kelb ma jitwelidx bhala guide dog izda huwa mehtieg tahrig intensiv mifrux fuq snin u pprovdut minn espert fil-qasam, sabiex kelb ikun jista' jakkwista l-kwalifici necessarji illi jikkwalifikawh bhala guide dog. Ghaldaqstant, kelba ta' ftit xhur ma tista' qatt tkun kwalifikata bhala guide dog.
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-kelba mibjugha kienet fi stat ta' sahha tajjeb hafna u f'kundizzjoni eccellenti, u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad illi l-kelba kienet tbati minn xi nuqqas jew difett mohbi.

4. Illi l-intimata rikonvenzjonata kienet kuntenta u accettat il-kelba kif kienet.
5. Illi t-tielet talba hija ugwalment infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrenti rikonvenzjonata mhux biss ma ngannatx lill-intimata rikonvenzjonata izda kienet certa illi taghzel il-kelba illi fl-opinjoni ta' l-istess kienet l-ahjar wahda fost il-boton
6. Illi r-raba' talba hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi qatt ma kien hemm ingann min-naha tar-rikorrenti rikonvenzjonata u ferm inqas nuqqas ta' buona fede. Din it-talba hija ferm nieqsa mill-kredibilita' u jekk fil-fatt kien hemm xi zieda fl-abbilta' tat-tifla ta' l-intimata rikonvezjonanta, dan ma kienx konsegwenza tal-prezenza tal-kelba fil-hajja tat-tifla.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
8. Ghaldaqstant, it-talba ta' l-intimata rikonvenzjonata ghandha per konsegwenza tigi rifjutata ghar-ragunijiet kollha fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra l-konvenuti.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'sentenza tal-5 ta' Frar 2018, it-Tribunal laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u cahad it-talbiet tal-attrici, u ordna li l-kawza tkompli tinstema' limitatament ghall-kontro-talba;

Ra x-xiehda tal-konvenuta rikonvenzjonanti[1], Robert Spiteri[2], Keith Pavia[3], l-attrici rikonvenzjonata[4].

Sema' t-trattazzjoni.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenuta rikonvenzjonata xehdet illi hi u zewgha kellhom bzonn kelb li jservi ta' 'service dog' ghat-tifla taghhom sabiex jghinha fil-kundizzjoni taghha ta' *non-verbal autism*. Kellmet lil Robert Spiteri li huwa intiz fil-qasam u qabbadha mal-attrici rikonvezjonata, Innocenzia Castorina. Il-konvenuta spjegat lill-istess Castorina x'kellha bzonn, u l-attrici qaltilha li hija setghet taqdiha, tant li l-kelba li kienet ha tbighhilha kienet qisha ha tkun it-tieni omm ghat-tifla, u ghazlet kelba li kienet bil-karatteristici li kellha bzonn it-tifla, anke wara li tkellmet mal-imsemmi Robert Spiteri. Ghalkemm iffirmat kuntratt mal-attrici, il-kliem fis-sens li l-kelba kellha tkun tajba bhala service dog ma tnizzilx, ghaliex l-attrici serrhet ras il-konvenuta illi l-kelba kienet ha tkun wahda tajba. Malli gabet il-kelba Malta, kellmet lil Robert Spiteri u mill-ewwel indunaw li l-kelba kienet misthija. Lill-kelba bdewlha wkoll it-tahrig baziku. Il-kelba kellha tkun trenjata diga' mill-attrici ghall-potty training, izda l-konvenuta ssostni li hawn l-attrici ukoll naqset ghax dan it-tahrig ma kinitx ghamlitu. L-attitudni tal-kelba kienet ghal kollox kuntrarja ta' dik li riedet u ftehmet fuqu l-konvenuta – jekk tara gugarell f'idejn it-tifla, kienet tgiddimulha, u kienet anke taqbez ghal fuq it-tifla. Il-konvenuta baqghet tikkomunika mal-attrici dwar dawn in-nuqqasijiet, u din tal-ahhar qaltilha sabiex tiehu l-kelba fi skola l-Isvizzera, jew alternattivament iggib persuna f'Malta biex

[1] Fol. 65 u kontro-ezami a fol. 128
[2] Fol. 79
[3] Affidavit a fol. 108
[4] Affidavit a fol. 115 u kontro-ezami a fol. 138

tharrigha u thallas ta' kollox il-konvenuta. Il-konvenuta ma riditx taghmel dawn l-ispejjez, izda kellha fiducja f'Robert Spiteri, li ghandu wkoll esperjenza fit-tahrig tal-klieb. Meta l-kelba ghalqet disa' xhur bdew biex iharrguha izda l-istess Spiteri, wara li l-kelba ghamlet tliet xhur ta' tahrig, indikalha illi din il-kelba ma kinitx tajba ghal service dog. In kontro-ezami il-konvenuta xehdet illi kellha bzonn il-mistrieh u kien hemm habib tal-familja li offra li jzommilha l-kelba, izda waqt li kienet ghandu tajjritha karozza.

Illi x-xhud Robert Spiteri xehed li jharreg il-klieb, u kellem lill-attrici rikonvenzjonata dwar il-htiega ta' kelb kif riedet il-konvenuta. Sussegwentement il-konvenuta xtrat il-kelb, u x-xhud rega' kellem lill-konvenuta meta l-kelba kienet hawn Malta. Inzerta li dak iz-zmien kien hawn f'Malta zewg persuni Amerikani li jharrgu l-klieb, li raw il-kelba u indikaw li mhijiex tajba ghal service dog. Ix-xhud beda jinduna li l-kelba kellha biza' esagerata. Mit-test formali li sarilha, irrizulta b'mod car li l-kelba ma kinitx tajba ghal *service dog*. Qal ukoll li lilu rrizultalu li l-kelba twieldet b'dawn il-karatteristici.

Illi x-xhud Keith Pavia xehed illi hu u martu kienu kellmu lil Robert Spiteri dwar il-kelb li kellhom bzonn, u dan kellem lill-attrici. Kienu marru l-ewwel darba Sqallija u kellmu lill-attrici, flimkien mat-tifla, u iktar tard tard marru t-tieni darba biex jigbru l-kelba. Ix-xhud qal li anke waqt it-tahrig baziku, il-kelba ma kinitx tobdi. Aktar tard din il-kelba ttiehdet f'familja ohra bhala parti mill-process tat-training, izda dawn ma zammewhiex ghaliex kienet qed taghmlilhom hsara fid-dar. Iktar tard, Robert Spiteri kien ikkonfermalhom anke permezz ta' rizultat formali illi l-kelba ma kinitx tajba ghal service dog.

Illi l-attrici rikonvenzjonata qalet illi l-konvenuta xtrat minghandha kelba u dan wara li kellimha Robert Spiteri. Specifikat illi sar kuntratt fit-12 ta' Gunju 2015 u illi l-ebda kelb ma jinxtara bhala kelb ghat-terapija, ghaliex sabiex isir kelb ta' dan it-tip, irid snin ta' tahrig. Hija ma kinitx tipprovdi personalment dan it-tip ta' tahrig. Ma setghetx tkun taf f'dak l-istadju jekk il-kelb huwiex se jkun tajjeb ghal dan l-

iskop, u f'kull kaz, kienu biss erbghin fil-mija (40%) tal-klieb li jircievu t-tahrig li finalment juru ruhhom li huma tajbin ghal dan il-ghan. Meta l-konvenuta infurmathah li l-kelba kienet qed turi ruhha li mhix adattata ghall-ghan li xtrawha, l-attrici qaltilha li Robert Spiteri ma kienx kwalifikat sabiex iharreg lil klieb ghall-ghanijiet ta' din ix-xorta, u ssuggeritilha centru rinomat fl-Italja, pero' l-konvenuta ghazlet li ma timxix ma' dan is-suggeriment. Ix-xhud qalet li skond il-ftehim taghhom, il-konvenuta, jekk ghal xi raguni ma riditix izzomm il-kelba, kellha tirrestitwiha lill-bejjiegh, u ma kellhiex dritt taghtiha lil terzi; u ghalhekk ma kellhiex dritt ghal rifuzjoni tal-prezz kif qed titlob. In kontro-ezami xehdet illi ma kienx kellimha Spiteri izda kellmitha l-konvenuta. Qalet li hija zgur li t-tifla tal-konvenuta l-ewwel darba li marru fi Sqallija kienet hemm. Qalet li taf li din il-kelba kienet se tittiehed bhala service dog biex tghin lit-tifla. Qalet ukoll li lil Spiteri ma tafux, kellmitu ftit drabi izda personalment ma tafux.

Illi t-Tribunal ikkonsidra illi rrizulta b'mod car illi l-kelba in kwestjoni kienet wahda li ma kinitx adattata ghall-iskop li ghalih riedet il-kelba il-konvenuta rikonvenzjonanti. L-attrici rikonvenzjonata tikkonferma li kienet taf li l-kelba kienet mehtiega ghal skop partikolari, u cioe' biex tghin lit-tifla tal-konvenuta. Dan ikkonfermatu anke fil-kontro-ezami taghha.

Illi ghal dan il-ghan il-konvenuta qed titlob rifuzjoni tal-prezz minnha mhallas u cioe' tlett'eleff u hames mitt Euro (€3,500). Irrizulta lit-Tribunal illi l-konvenuta fil-fatt indikat lill-attrici li l-kelba kellha n-nuqqasijiet li kienet qed tilmenta bihom, u ddikjarat li baghtet sahansitra filmati tal-kelba timbotta lit-tifla. B'mod car ghalhekk, il-konvenuta ma kellhiex aktar pjacir b'din il-kelba, tant li hallietha ghand haddiehor biex izommilha.

Illi l-kuntratt ta' bejn il-partijiet jistipula b'mod car illi jekk ghal xi raguni, ix-xerrej ma jkunx jista' jzomm iktar il-kelb, dan ghandu jghaddieh lura lill-bejjiegh (fil-kuntratt 'allevatore'), li min-naha tieghu kellu jaghmel mezz li jsib soluzzjoni u

jintroducieh ghal familja gdida. Dan kollu ghandu jsir minghajr l-ebda obbligu ta' rifuzjoni min-naha tal-bejjiegh.

Illi l-konvenuta rikonvenzjonata ma ghazlitx li timxi skond din il-klawsola. Ma rrizultax mill-atti illi fil-fatt il-konvenuta xi darba b'xi mod talbet lill-attrici sabiex tiehu lura l-kelba. Anzi meta mistoqsija dwar dan, qalet li l-attrici qatt ma offritilha biex tehodha lura. Huwa pero' car f'dan il-kaz illi sabiex tithaddem din il-parti tal-kuntratt, kellha tkun ix-xerreja li titlob li l-kelba tittiehed lura mill-bejjiegha u mhux bil-kontra. F'kull kaz pero', anke li kieku din il-kelba kienet ha tigi ritornata lill-bejjiegha, il-konvenuta ma kien ha jkollha l-ebda dritt ghal rifuzjoni. Il-bejjiegha tat garanzija ghall-kelba ghal certi nuqqasijiet u mard, liema garanzija kienet tispicca wara sena. Il-kwistjoni fil-kaz ta' din il-kelba pero' ma kinitx tikkoncerna nuqqasijiet ta' din ix-xorta, u ghalhekk il-bejjiegha lanqas jista' jinghad li ghandha xi obbligu taht din il-parti tal-kuntratt lanqas. Ladarba l-konvenuta ghalhekk kienet gia' taf, meta ffirmat il-kuntratt, illi ma kellhiex dritt ghal rifuzjoni tal-prezz imhallas, anke li kieku tirritorna l-kelba lura, jimplika allura illi iktar u iktar m'ghandhiex dritt ghal din ir-rifuzjoni ladarba zammet il-kelba, u ma intimatx lill-attrici rikonvenzjonata biex tehodha lura, u wisq anqas ghamlet xi forma ta' depozitu gudizzjarju f'dan is-sens. It-Tribunal irid jattwa dak li gie miftiehem b'mod car u liberament bejn il-partijiet u xejn aktar, u ghaldaqstant, ghal din ir-raguni il-konvenuta ma haqqhiex tithallas is-somma minna mitluba.

Illi apparti dan, pero', ghandu jinghad illi l-konvenuta qed titlob il-hlas ta' tlett'elef u hames mitt euro ghall-prezz tal-kelba kif ukoll spejjez ohra minfuqa ghat-tahrig tal-istess kelba. Ghandu jinghad illi filwaqt illi l-ispiza ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) ghall-prezz tal-kelba giet pruvata mill-attrici rikonvezjonata stess bid-dokumenti li esebiet mat-talba promotrici, ma kien hemm l-ebda prova ohra ta' nefqa ohra oltre dan l-ammont da parti tal-konvenuta. Ghalhekk, anke minhabba din ir-raguni, it-Tribunal ma jistax isib fondatezza fit-talba tal-attrici, specjalment ghall-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) li huma d-differenza bejn il-prezz tal-kelba u dak li talbet il-konvenuta rikonvenzjonata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata, u jichad it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti. L-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta rikonvenzjonanti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur